MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 8/2008

**Anthony Galdes Giappone**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta’ Gunju, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**“**L-Arbitru,

Ra l-appell

Ra r-risposta

Ikkunsidera

> Peress illi x-xhieda ma kienetx parentela mal-pazjenta u ghalhekk ma tissodisfax il-kweziti tal-ligi dina dwar parentela, it-talba taghha ma tistax tintlaqa, u mhux tal-appell, it-talba tieghu ghandha tigi akkordata.
>
> L-appell qed jigi milqugh.**”**

Minn din is-sentenza appella d-Direttur tas-Sigurta` Socjeta` bl-ilment illi l-Arbitru ghamel interpretazzjoni zbaljata ta’ l-Artikolu 66 abbinat mar-Raba’ Parti tat-II u tas-VI Skeda tal-Kapitolu 318;

Fir-risposta ta’ l-appell tieghu l-appellat jissottometti dan li jsegwi:-

(1) Id-decizjoni ta’ l-Arbitru li minnha gie intavolat l-appell hu dak bin-Numru 197/08 u dan jirreferi ghall-Ghajnuna Medika b’xejn u mhux ukoll ghall-applikazzjoni ghall-Pensjoni ta’ l-Eta` Mhux Kontributorja;

(2) L-appell hu *fuori termine* l-perjodu ta’ tletin (30) jum jew minn meta d-decizjoni ta’ l-Arbitru twasslet lill-appellanti;

(3) Fil-mertu, ciononostante l-laxkezza li biha l-Arbitru rrediega l-motivazzjoni tieghu, l-importanti hu li dan iddecieda favur tieghu in bazi ghall-provi li kellu quddiemu;

Il-Qorti jidhrilha li ghandha minnufih tiddisponi mill-punti (1) u (2) fit-twegiba ta’ l-appellat in kwantu dawn huma ghal kollox insostenibbli, jekk mhux ukoll fiergha:-

(1) Kwantu ghall-punt (1) l-atti ta’ l-inkartament tal-kaz juru li dak li kien qed jigi trattat fid-decizjoni ta’ l-Arbitru Nru. 197/08 kien il-gravam ta’ l-appellat (App. Ump. 820/07) mid-decizjoni tad-Direttur li waqqaflu l-beneficcju tal-Pensjoni ta’ l-Eta` (AP) bil-motiv illi r-rizorsi

kapitali ta' l-istess appellat f'dak il-mument kien jaccedi l-massimali stabbilit mil-ligi;

(2) Fuq il-punt (2) jigi osservat l-ewwelnett illi appell lil din il-Qorti mid-decizjoni ta' l-Arbitru ried jigi intavolat "zmien tletin jum mill-gurnata meta d-decizjoni ta' l-Arbitru tkun twasslet bil-miktub permezz ta' posta registrata lil min jaghmel it-talba jew lill-beneficcjaru jew lid-Direttur, skond il-kaz" [Artikolu 109(2), Kapitolu 318]. Ma jidherx li jezisti kuntrast illi d-decizjoni ta' l-Arbitru twasslet lid-Direttur appellanti fl-4 ta' Lulju, 2008 u li l-appell minn dan lil din il-Qorti gie prezentat fl-4 ta' Awissu, 2008. Dan premess, hi disposizzjoni cara tal-Kodici ritwali, ex-Artikolu 102 tal-Kapitolu 12, illi "meta z-zmien legali jew gudizzjarju ghandu jibda jghaddi minn gurnata stabbilita, dik il-gurnata ma tinghaddx bhala mdahhla f'dak iz-zmien ..." Applikata din id-disposizzjoni ghat-termini suddetti huwa evidenti illi l-appell gie sew u fit-terminu tat-30 jum ipprezentat. L-appell ghalhekk mhux perenti u l-eccezzjoni qeghda konsegwentement tigi michuda;

Skartati dawn is-sottomissjonijiet oppozitorji ta' l-appellat fir-rigward ta' l-appell introdott, hi l-fehma ponderata ta' din il-Qorti illi s-sentenza ta' l-Arbitru, kif koncepita minnu, tiddifetta sew. Dan kemm guridikament kif ukoll logikament. Minnha hu ferm difficli li wiehed jindividwa r-razzjonalita tal-motiviazzjoni taghha. Apparti li mill-atti tonqos ghal kollox it-traskrizzjoni tax-xhieda li skond il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju, 2008 (fol. 13) jinghad li dehru u, presumibilment, iddeponew quddiem l-Arbitru l-Avukat Dr. Joseph P. Bonnici ma huwiex maghruf liema huma dawk l-elementi utilizzati mill-istess Arbitru biex jasal ghal dik id-decizjoni tieghu. Jekk xejn, biex ikun kontrollat minn din il-Qorti l-kriterju logiku segwit minnu;

Kull sentenza tirrikjedi li tkun sostenuta minn motivazzjoni. "Motivazzjoni din li kellha tkun tali li fil-minimu tissodisfa fuq kollox lill-partijiet in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni" ("**Gordon Agius -vs- Avukat Generali *et***", Appell, 20 ta' Dicembru,

2000). Jigifieri, anke jekk mhux elaborata, il-motivazzjoni riedet tkun wahda adegwata u, almenu, sorretta minn *iter* ta' hsieb intelligibbli;

Kif, wisq gustament, gie rilevat mill-Qorti ta' l-Appell fil-gurisdizzjoni Superjuri taghha "il-process tal-gustizzja huwa fin u delikat, li rarament ikollu success meta wiehed jaghzel li jimxi fit-triq il-qasira biex jasal malajr. Min hu mghobbi bir-responsabilita` tal-gudizzju ma jistax jiehu *short cut* fejn il-gustizzja ma tkunx tippermettilu li jaghmel dan. Diversament l-effett kumulattiv jista' jkun li tintilef il-kredibilita`, b'gudikati li ma jkunux motivati sewwa u b'hekk issir hsara kbira lill-amministrazzjoni tal-gustizzja" ("**Michael Gatt -vs- L-Awtorita` ta' l-Ippjanar**", 19 ta' Novembru, 2001);

Id-decizjoni li tat lok ghal dan l-appell taqa' sew fil-kategorija depinta mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza appena citata. Hi wahda "*short cut*" bla indikazzjoni cara tal-provi utilizzati u minghajr ebda spjegazzjoni fuq liema bazi l-Arbitru wasal ghar-*ratio decidendi* tieghu. Din il-Qorti ma tistax ghalhekk tqisha sufficjenti u razzjonali biex tkun tista' taghmel raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi istruttorji. Fi kliem iehor, il-parti decizorja tas-sentenza ma ssibx sussidju mill-konsiderandi taghha, alkwantu konfuzi. Dan jinduci lill-Qorti biex tannulla l-istess sentenza u tirrimetti l-atti lura lill-Arbitru biex dan jipprovdi, b'mod li jinftiehem, motivazzjoni xierqa u logikament kompatibbli mad-decizjoni adottata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda in bazi ghall-konsiderazzjonijiet redetti tannulla s-sentenza appellata. L-atti qeghdin jigu rimandati lura lill-Arbitru biex dan jiddefinixxi u jiddeciedi l-kwestjoni quddiemu skond il-ligi. L-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------